## ĊAJTA TAT-TMENIN

**(WARA L-GHANJA TAS-SEBGHIN)**

*Ta'* Dun Karm

Xi tmien snin u sentejn ilu
Għannejt l-għanja tas-Sebgħin,
Fejn semmejt il-ftietaq kollha
Ma' ħajjitna miżrugħin.

Ftit jew wisq kienu jfixkluni
Ftietaq sofor, ħomor, blù;
U kull darba b'leħen kiebi
Jien kont ngħajjat: "Dan xinhu?"

Fl-aħħar sabni raġel għaqli,
B'daħka ħelwa fuq xofftejh,
Hares ħarsa ġewwa wiċċi,
Bin-nuċċali fuq għajnejh,

U dlonk qalli: Dawn il-ftietaq
Huma frott minn tax-xjuħija:
Int għalaqt is-sebgħin sena,
Frott minn dan tiekol fil-bqija.

Iżda jien, b'daħka ċajtiera,
Qomt fuq tiegħi biex nurih,
Illi qabel tiġi ĊENSA,
Jien ma kontx irrid nixjieħ.

Dak il-ħin min qatt kien jobsor
Illi sseħħ ċajta bħal din?
Illi xiħ ta' sebgħin sena
Kellu jasal għat-tmenin?

Iżda ż-żmien gerbeb u ħarab
Hiemed ħiemed, mingħajr kliem,
U jien għadni hawn ma' ħbiebi
Nisma' l-ħoss ta' ferħ, ta' sliem.



Issa, tgħid, baqa' xi tarġa?
Nirfsu s-setaħ tad-disgħin?
Tkun din ħolma li titwettaq
Bħalma twettqet tas-sebgħin?

Le, le, nrażżnu din il-ħolma:
Seħħet waħda, iżda le tnejn:
Hajr 'l Alla minn l-imgħoddi,
Minn li ġej ma ngħidu xejn;

Għax għalkemm għadni fid-dinja,
U xi ftit naħdem kuljum,
Min jaf jgħid hix ġejja Ċensa?
Kemm sa tgħaġġel, kemm sa ddum?

---

## BRINDISI

**VERSI TA' MARY MEYLAK**

**LI NQRAW WAQT IL-PRANZU MOGĦTI B'ĊIEH LIL DUN KARM PSAILA, D.Litt., u L-KAV. Dr. Ċ. GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H., FID-9 TA' DIĊEMBRU, 1951**

Darba qal poeta Malti:
"Mary Meylak żgur saħħara."
. .Ma hix hawn imma lsien tagħha
Sa jitfaċċa, issa tara!

Ma' Dun Karm u mal-Profs. Galea
Hawn iltqajna f'dan il-jum
Biex nuruhom kemm isimhom
Minn dil-"Għaqda" hu miqjum.

Għad li aħna m'aħniex qniepen
Biex indoqqu mota lkoll
Għandna lsienna, għandna l-pinna
U kulħadd lilhom sa jħoll.

Biex ħajr nagħtu lill-kbir Alla
Talli lkoll hawnhekk qegħdin
Biex nifirħu 'l Dun Karm tagħna
Talli wassal it-tmenin.